# It-Tnax-il Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

***Il-Mulej ħeles lill-imsejken minn id il-ħżiena.***

Ġer 20, 10-13

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

F'dak iż-żmien, Ġeremija qal:
10 Ma nismax ħlief taqsis il-kotra;
biża' madwari kollu!
«Ixluh! Ħa nixluh!»
Jgħajtu saħansitra ħbiebi kollha,
ifittxu l-qerda tiegħi: «Għandu mnejn jitqarraq u negħlbuh;
ta' kollox nitħallsu minnu!»

11 Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni,
għalhekk dawk li jagħmlu għalija
jogħtru, ma jagħmlu xejn,
jitħawdu bis-sħiħ, għax ħsiebhom ma jseħħx;
għajb għalihom li ma jintesa qatt.

12 Int, Mulej ta' l-eżerċti, li ġġarrab il-ġust,
li tara l-ġewwieni u l-qalb,
ħallini nara l-vendetta tiegħek kontrihom,
għax f'idejk ħallejt il-kawża tiegħi.
13 Għannu lill-Mulej, faħħru lill-Mulej,
għaliex ħajjet l-imsejken ħelisha minn id il-ħżiena.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 68 (69), 8-10.14.17.33-35

R/. (14ċ): Fil-kobor ta’ tjubitek weġibni, O Alla

8 Minħabba fik qiegħed nilqa’ t-tmaqdir,
u l-mistħija tiksili wiċċi.
9 Sirt barrani għal ħuti,
ulied ommi ma jagħrfunix.
10 Għax il-ħeġġa għal darek fnietni,
it-tagħjir ta’ min jgħajjar lilek waqa’ fuqi. R/.

14 Imma jien lilek nitlob, Mulej;
meta jogħġbok, o Alla, weġibni,
fil-kobor ta’ tjubitek
u skond il-wegħda tas-salvazzjoni tiegħek.
17 Weġibni, Mulej, għax mill-aħjar tjubitek;
dur lejja fil-kobor tal-ħniena tiegħek. R/.

33 Hekk jaraw l-imsejkna u jifirħu;
u tagħmlu l-qalb, intom li tfittxu lil Alla.
34 Għax jisma’ l-fqajrin il-Mulej,
ma jistmellx l-imjassrin tiegħu.
35 Ifaħħruh is-sema u l-art,
l-ibħra u kull ma jitħarrek fihom. R/.

# Qari II

*Id-don m'huwiex bħall-ħtija.*

Rum 5, 12-15

**Qari mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, 12kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u
permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha,
għax kollha dinbu.

13Kienet għadha ma waslitx il-Liġi, id-dnub kien ġa fid-dinja:
imma d-dnub ma kienx magħdud, ladarba Liġi ma kienx hemm.
14Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, mqar fuq
dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam, li kien xbieha
ta' dak li kellu jiġi.

15Imma d-don m'huwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija
waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don
mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed li hu Ġesù Kristu, xterdu
bil-bosta fuq il-kotra.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 15, 26b.27a

Hallelujah ℟. Hallelujah
L-Ispirtu tal-verità jixhed għalija, jgħid il-Mulej;
u intom ukoll tixhdu.
℟. Hallelujah

# Evanġelju

*Tibżgħux minn dawk li joqtlu lill-ġisem.*

Mt 10, 26-33

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-Appostli tiegħu: 26«La tibżgħux mill-
bnedmin. Għax xejn ma hu mgħotti li ma jinkixifx, u xejn ma hu
moħbi li ma jsirx magħruf.

27Dak li jien ngħidilkom fid-dlam għiduh fid-dawl, u dak li
ngħidilkom f'widnejkom xandruh minn fuq il-bjut. 28U tibżgħux
minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar
ibżgħu minn dak li jista' jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-
infern.

29Żewġ għasafar tal-bejt mhux b'ħabba jinbiegħu? U b'danakollu
anqas wieħed minnhom ma jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda ta'
missierkom.

30Intom imbagħad sax-xagħar ta' raskom kollu hu magħdud. 31Mela
xejn la tibżgħu; intom aqwa minn ħafna għasafar tal-bejt.

32Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll
nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. 33Iżda
min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem
Missieri li hu fis-smewwiet.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu